Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-16 ta' Awwissu, 2002

Numru 280/2002

**Il-Pulizija**
**(Spetturi Josric Mifsud u Sandro Zarb)**

**vs**

**Francesca Maria Colajanni**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputata Francesca Maria Colajanni bint Francesco Paolo u Maria nee' Murgano, imwieleda Gilly (Belgju), fid-19 ta' Lulju, 1962 u residenti Via Villaggio S. Anna, Enna, detentrici tal-karta ta' identita Taljana numru AE9034229 akkuzata talli:

F'dawn il-gzejjer nhar il-15 t'Awissu, 2002, u zmien ta'qabel, gewwa Gianpula, Limiti tar-Rabat, u fi bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti

a) kellha fil-pussess taghha ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjnijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-artikolu 8(a) u (d) tal-Kap. 101 tal-ligijiet ta’ Malta.

Semghet l-istess imputata fl-udjenza tallum u tiddikjara li tammetti l-akkuzi f’liema ammissjoni ippersistiet anke wara li l-Qorti ikkoncediet zmien biex tikkunsidra.

Ikkunsidrat:

Illi stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputata issibha hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghha. Rat ghal fini ta’ piena l-Artikolu 8(a) (d) u 22 tal-Kap 101. Tiddeciedi fic-cirkostanzi li tillibera lill-imputata taht l-Artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ sitt xhur millum. Rat l-artikolu 5 u 23 tal-Kap 217 u tordna t-tkeccija taghha minn dawn il-gzejjer.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------